# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 20**

**Rikors numru 689/12/1 GM**

**Jeffrey Saliba**

**v.**

**Richard Attard**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Richard Attard minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Diċembru, 2018, fejn din sabitu responsabbli għall-inċident li seħħ bejnu u bejn l-attur, Jeffrey Saliba, fl-20 ta' Settembru, 2010 u kkundannatu sabiex iħallas lill-istess attur, kumpens fl-ammont globali ta' €95,430.52

biex jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab minħabba dan l-inċident, fosthom diżabbiltà permanenti.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fl-10 ta' Lulju, 2012, l-attur appellat fisser li fl-20 ta' Settembru, 2010, il-partijiet kienu qegħdin jieħdu sehem f'logħba futbol f'Ħal Qormi meta l-konvenut ħebb għalih u tah daqqa ta' ponn f'wiċċu.

3. L-attur appellat saħaq li b'konsegwenza diretta ta' din id-daqqa ta' ponn huwa spiċċa biex ġarrab ksur fil-ħofra t'għajnu l-leminija u kellu jiġi operat b'urġenza. Tenna li bl-imġiba tiegħu, il-konvenut ikkawżalu diżabbiltà permanenti f'għajnejh.

4. Għad li l-attur sejjaħ lill-konvenut sabiex dan jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni mġarrba minnu, huwa baqa' b'xejn. Għalhekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Richard Attard huwa unikament responsabbli għad-danni serji, inkluż diżabbiltà permanenti, sofferti mir-rikorrent, u dan b'konsegwenza diretta tal-aggressjoni u tal-aġir vjolenti tal-intimat.*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti riżultat tal-aggressjoni hawn fuq msemmija, okkorrendo jekk hemm bżonn, bil-ħatra ta' perit nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dawk is-somom li jiġu hekk likwidati a favur ir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu 2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax legali skont il-liġi kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni, u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra li tista` tispetta lir-rikorrenti.»*

5. Il-konvenut Richard Attard ressaq risposta maħlufa fl-10 ta' Ottubru, 2012 u fiha qal hekk:

*«1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponent mhuwiex responsabbli għall-allegat inċident li seħħ nhar l-20 ta' Settembru 2010 u ma kkawża l-ebda dannu lill-attur;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jispetta lill-attur jipprova li sofra xi dannu u li dan id-dannu għandu jwieġeb għalih il-konvenut u għal kull buon fini kemm il-persentaġġ ta' diżabbiltà kif ukoll il-quantum tad-danni pretiżi huma kkontestati mill-konvenut;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja kif ukoll għall-ekonomija tal-ġudizzju dawn il-proċeduri għandhom l-ewwel jistennew l-eżitu tal-proċeduri kriminali pendenti kontra l-konvenut eċċipjent b'rabta mal-istess allegat inċident ġaladarba l-provi li diġà qed jinġabru f'dawk il-proċeduri ċertament li ser jkunu ta' rilevanza għal dawn il-proċeduri;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru, 2018, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-attur billi, fl-ewwel lok, sabet li l-konvenut kien jaħti għall-inċident li seħħ fl-20 ta' Settembru, 2010, u fit-tieni lok, ordnat lill-konvenut biex iħallas lill-attur is-somma ta' €95,430.52 bħala kumpens għad-danni mġarrba, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza u bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu, 2012 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat

flimkien mal-kawża.

7. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«Illi f'azzjoni bħal din, l-attur jeħtieġlu jipprova (1) il-fatt dannuż, (2) l-imputabilità ta' dan il-fatt għal min ikun ikkaġunalu d-danni, u (3) l-event dannuż ikkawżat minn dan l-istess fatt;*

***II. <u>Prova tad-danni</u>***

*(i) il-fatt dannuż*

*Illi din il-kawza hija dwar inċident illi fih korra l-attur waqt li kien qed jilgħab logħba football five-a-side f'one day tournament fl-20 ta' Settembru 2010. L-attur jgħid illi waqt l-imsemmija logħba, il-konvenut tah daqqa ta' ponn f'għajnejh il-leminija b'konsegwenza illi kellu jigi operat u għadu sal-lum ibati b'double vision;*

*Illi l-verżjoni tal-attur hija kkorroborata minn diversi persuni oħra li kienu preżenti waqt l-istess logħba. Jirriżulta minn din ix-xhieda okulari illi l-konvenut kien jidher kemmxejn aġitat waqt il-logħba; kien pjuttost irrabbjat u beda jitkellem ħażin. Alan Zammit li kien qed jagħmilha ta' referee waqt il-logħba xehed fil- proċeduri kriminali li kien sikket lill-konvenut ħafna drabi filwaqt li kien qed jgħid 'jekk ma tħallinix ngħaddi nifqalek għajnejk etċ'. Saħansitra wara li l-konvenut ta d-daqqa ta' ponn lill-attur kellhom iżommuh in-nies li kienu preżenti għaliex kien se jerġa' jaħbat għall-attur. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex temmen il-verżjoni tal-fatti li taw dawn ix-xhieda. Iktar u iktar tenut kont tal-ammissjoni tal-konvenut mal-Pulizija a tempo vergine li 'f'mument tħawwadt u xejjirthielu'. Għalhekk xejn ma mpressjonaha l-konvenut meta fid-Dikjarazzjoni Ġuramentata l-konvenut jgħid li 'Wara l-logħba naf li rajtu jsuq il-karozza tiegħu u telaq', meta jirriżulta ċar mill-atti proċesswali illi l-attur kellu jiġi mwassal lejn l-isptar għax ma setax isuq;*

*(ii) l-imputabilità tal-fatt dannuż*

*Illi m'hemmx dubbju dwar l-imputabilità tal-event dannuż. Il-konvenut ta d-daqqa ta' ponn volontarjament, b'ardità u bi ksuħat, bl-intenzjoni speċifika li jweġġa' lill-attur – u rnexxielu: Il-provi akkwiżiti inkluż ir-rapport tal-espert mediku ma jħallu l-ebda dubju illi l-ħsara fl-għajn il-leminija tal-attur ġiet ikkawżata mid-daqqa ta' ponn illi laqqat mingħand l-konvenut u għalhekk ġie stabbilit in-ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u l-event dannuż. Fix-xhieda tiegħu, il-konsulent*

*Martin Francalanza jixhed illi it-tip ta' injury illi kellu l-attur tiġri għaliex 'dan ikun laqqat daqqa direttament straight-on fuq għajnejh';*

*(iii) il-konsegwenzi dannużi*

*Illi l-Qorti rat iċ-ċertifikat maħruġ minn Mr Martin Francalanza li huwa t-tabib (konsulent) illi baqa' jsegwi lill-attur wara l-inċident fl-isptar u anke disa' xhur wara li saritlu l-operazzjoni fejn jgħid: 'In my opinion after all this time, I don't think that there will be any further progress of this condition and unfortunately he may still be complaining of double vision on extreme up and down gaze. There is no further treatment for this and he will have to learn to adjust'. Fix-xhieda tiegħu Mr. Francalanza jgħid ukoll li ma ra l-ebda progress fil-kundizzjoni ta' Saliba u li jkollu jgħix biha għax iż-żmien ta' fejqan kien għadda: 'Meta inti jkollok injury ta' din il-kwalità, il-muscles jiġu trawmatizzati ħafna u l-muscle tal-għajnejn ma jibqax li jkun, il-muscle huwa delikat ħafna u meta jiġi espost għal dan it-tip ta' injury ma jibqax jiġġebbed kemm suppost allura ma jħallix l-għajn ddur fid-direzzjonijiet li normalment iddur. Meta jasal f'dik is-sitwazzjoni l-muscle m'hemmx iżjed x'tista' tagħmillu biex issolvi din il-problema għax il-muscle ma jibqax jiġġebbed bħal f'dik normali;'*

*Illi l-espert mediku maħtur mill-Qorti, Dr. Dennis Mallia ġie maħtur bhala espert mediku sabiex jeżamina lill-attur u jħejji rapport tiegħu ikkonkluda li:*

> *'Skont rapport ta' dak iż-żmien, instab illi kellu tbenġila madwar il-globu tal-għajn il-leminija (right periorbital haematoma), u frattura tan-naħa t'isfel tal-ħofra tal-għajn – jew orbita (blow out fracture of the floor of the orbit) tal-istess naħa...*
>
> *'Sal-ġurnata ta' meta jien eżaminajt lis-Sur Saliba, dan kien għadu jara doppju meta jħares: a) 'l isfel, b) 'l isfel u lejn il-lemin u ċ) meta jħares dritt lejn in-naħa tal-lemin. Ġie mkejjel illi huwa jibda jara doppju meta l-għajn tiċċaqlaq lejn il-pożizzjonijiet imsemmija b'aktar minn 30 grad min-nofs.*
>
> *'Dan in-nuqqas ta' moviment tal-għajn il-leminija huwa attribwit għal restrizzjoni fil-moviment tal-muskoli ta' madwar l-għajn minħabba l-ħsara li saret fl-orbit meta din ġiet fratturata';*

*Illi waqt proċeduri kriminali l-espert mediku xehed illi 'hemm double vision għax hija measured' u ċjoè mhijiex allegazzjoni tal-attur illi qed jara doppju iżda l-espert mediku kejjel eżatt mill-liema angolaturi l-attur jibda jara doppju. Fil-fatt l-espert mediku kkonkluda illi l-attur jara double vision meta l-għajn tiċċaqlaq lejn il-pożizzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq b'aktar minn 30 grad min-nofs;*

***III <u>Likwidazzjoni tad-danni</u>***

*(i) Damnum Emergens:*

*Illi għal dak li jirrigwarda id-damnum emergens, l-attur ressaq numru ta' rċevuti li jikkonsistu f'xiri ta' mediċini, irċevuti min-naħa tal-Melita Cable plc, xi rċevuti illi m'hemmx spjegat ta' xhiex inhuma kif ukoll irċevuti min-naħa tal-legali tiegħu. Il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni biss l-irċevuti ta' xiri ta' mediċini. Għalhekk taħt dan ir-ras ta' danni, tirriżulta dovuta s-somma ta' ħamsa u tmenin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€85.52);*

*Illi mix-xhieda ta' Omar Schembri bħala Rappreżentant tan-Nursery ta' Ħal-Safi u mid-dokumenti ppreżentati minnu jirriżulta illi l-attur naqas għal xi sessjonijiet ta' training fix-xahar ta' Settembru, u m'għamel l-ebda sezzjoni fix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2010. Li m'għamilx l-attur huwa li jġib il-prova ta' kemm-il sessjoni ta' training tilef u kemm kien jitħallas ta' kull sessjoni sabiex din il-Qorti tkun tista' takkorda ħlas xieraq ta' danni li jirrifletti l-ammont ta' sessjonijiet mitlufa. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tista' tieħu biss medja ta' kemm kien jitħallas l-attur kull xahar u għalhekk qed tillikwida s-somma ta' €345;*

*Illi dwar ix-xogħol mal-kumpanija Go plc, il-Qorti se timxi fuq l-invoices illi Sandro Gauci in rappreżentanza ta' Go plc esebixxa fl-atti. Mill-invoices ta' dan ix-xhud jidher illi l-attur ma kienx jaħdem regolarment ta' kull xahar u ġieli ma ħadimx f'xi xhur partikolari; per eżempju fix-xhur ta' April 2010, Mejju 2010, Ġunju 2010 u Awwissu 2010 m'hemmx invoices li juru illi ħadem. Iżda mbagħad hemm invoice ta' Novembru 2010 (ix-xahar ta' wara l-operazzjoni). Dan ifisser li l-attur naqas milli jipprova li f'Settembru ħadem anqas u li fix-xahar t'Ottubru ma ħadimx kawża tal-inċident li seħħ fl-20 ta' Settembru 2010. Għalhekk din il-Qorti tħoss li m'għandha talloka ebda danni bħala telf ta' paga għal dan l-impjieg;*

*(ii) Lucrum Cessans:*

*Illi jkun utli li qabel xejn tiġi ttraċċjata l-istorja ta' kif il-Kodiċi Ċivili tagħna jitratta l-kwantifikazzjoni tad-danni fil-każ ta' diżabilità tal-persuna kkawżata inġustament;*

*…*

*(d) <u>Multiplier</u>*

*Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tiegħu, l-attur, li meta seħħ l-inċident kellu 33 sena, jissottometti li l-multiplier għandu jkun ta' 25 sena. Li jfisser komputazzjoni sal-età ta' 57 sena li hija definittivament inqas mill-età tal-irtirar li progressivament dejjem qiegħda titwal, u fil-każ tal-attur sejra tkun ta' 65 sena. B'danakollu, ġaladarba l-attur huwa kuntent b'dan il-multiplier konservattiv, il-Qorti sejra taddottah;*

*IV* ***Konklużjoni***

*Illi meta seħħ l-inċident, is-salarju nett annwali tal-attur, wara li titnaqqas it-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjoni tas-sigurtà nazzjonali, kienet €22,396.18. Iż-żieda mogħtija abbażi tal-għoli tal-ħajja hija ta' €303.78c fis-sena. Dan ifisser li l-aħħar salarju tiegħu sal-età ta' 60 sena (li l-attur stess jgħid li hi l-età pensjonabbli tiegħu, għalkemm il-Qorti għandha dubju dwar dan; għax aktarx huwa iżjed) ikun €30,598.24 dejjem jekk wieħed jassumi li ma jkun hemm l-ebda żieda oħra fis-salarju tiegħu (għalkemm wisq probabbli jkun hemm; iżda l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tiegħu ma jitlobhiex) u l-medja annwali tas-salarju tiġi €26,497.21c;*

*Illi d-diżabbiltà skont l-espert tal-Qorti hi ta' 15%;*

*Illi €26,497.21c x 25 sena x 15% = €99,364.54c;*

*Illi tenut kont li l-imgħaxijiet mogħtija mill-banek kummerċjali, anke għal depożiti fissi, illum huma inqas minn 1%, il-Qorti mhix sejra tagħti s-solitu 20% tnaqqis għal-lump sum payment, li kienet tingħata, in parti, minħabba l-imgħax normali għal depożitu fiss f'bank kummerċjali li kien ikun ta' ċirka 5% fis-sena; B'danakollu, tenut kont iżda li s-somma sejra tkun f'idejh, il-Qorti sejra arbitrio boni viri tnaqqasha għal €95,000;*

*B'kollox għalhekk l-attur għandu jieħu (€85.52) + €345 + €95,000 = €95,430.52.»*

8. Il-konvenut Richard Attard appella minn din is-sentenza b'rikors imressaq fid-19 ta' Diċembru, 2018, bl-aggravji jkunu dawn: (i) li huwa ma jaħti xejn għall-inċident li seħħ fl-20 ta' Settembru, 2010 u li f'kull każ, f'dak li ġara, kien hemm element qawwi ta' kontributorjetà min-naħa tal-attur; u (ii) li l-ammont tad-danni mġarrba mill-attur ġie maħdum mill-Ewwel Qorti fuq kejl ħażin.

9. L-attur Jeffrey Saliba wieġeb għal dan l-appell fil-5 ta' Frar, 2019 u fir-risposta huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Inżamm smigħ fil-15 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Fl-**ewwel aggravju** tiegħu l-konvenut appellant jgħid li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda referenza għall-provi mressqa minnu u lanqas biss ħadet qies tas-sottomissjonijiet tiegħu. Huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti trattatu daqslikieku huwa kien assenti jew kontumaċi matul is-smigħ tal-kawża. L-appellant jisħaq li huwa m'għandu jġorr l-ebda responsabbiltà għall-inċident li seħħ fl-20 ta' Settembru, 2010. Jgħid li anke kieku stess kellha tinstab xi ħtija fih għal dak li ġara, fil-fehma tiegħu l-attur appellat ikkontribwixxa serjament għal dak li seħħ.

12. Huwa jiċħad li ta xi daqqa ta' ponn lill-attur bħalma jiċħad ukoll li huwa kien ammetta li fajjar din id-daqqa quddiem l-ispettur li interrogah. Jissottometti wkoll li l-istqarrija li ġiet ippreżentata fl-atti kienet itteħditlu mingħajr ma ġie mogħti lilu d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u għalhekk din ma tistax tintuża bħala prova kontrih. Huwa jgħid li f'kull każ, minn qari ta' din l-istqarrija għandu jirriżulta li l-kelma preċiża użata minnu waqt l-interrogazzjoni kienet "xejjirthielu" u b'hekk l-istqarrija tiegħu ma ssarrafx fi prova li huwa ta daqqa ta' ponn lill-attur. Minbarra dan, l-appellant

isostni li bejn ix-xhieda li ngħatat mill-attur u sħabu fil-proċeduri kriminali li tressqu kontrih u bejn ix-xhieda li ngħatat minnhom f'din kawża, hemm numru ta' diskrepanzi u inkonsistenzi li jxejnu t-teżi tal-attur f'din il-kawża.

13. L-appellant jisħaq li kien l-attur appellat li pprovoka l-inċident minħabba d-daħliet goffi li kien qiegħed jagħmel fuqu. Jgħid li waqt logħba futbol huwa normali li jitwettqu diversi *fouls* u li fil-fehma tiegħu dak li seħħ bejnu u bejn l-appellat jaqa' fil-parametri ta' dak li jiġri waqt logħba futbol. Itenni wkoll li kuntrarjament għal dak li allegaw l-appellant u sħabu, l-azzjoni li wasslet għall-inċident ma kinitx daqqa ta' ponn iżda tixjira tal-pala tal-id mill-appellant, li kellu dahru lejn l-attur u aġixxa instintivament wara li tilef il-bilanċ minħabba daħla goffa li l-attur wettaq fuqu. Għalhekk, fil-fehma tiegħu l-imġiba tiegħu kienet waħda proporzjonata għall-aggressjoni li ġarrab fuq il-persuna tiegħu mill-appellant. Iżid jgħid li kien hemm element qawwi ta' kontributorjetà min-naħa tal-attur għall-inċident li seħħ minħabba d-daħliet goffi li saru fuqu mill-attur. Jisħaq ukoll li mill-provi għandu jirriżulta li l-kondotta tal-attur fil-grawnd tal-futbol ma kinitx waħda tajba.

14. Min-naħa l-oħra, l-attur appellat jiċħad li l-inċident kien il-frott ta' żball min-naħa tal-konvenut jew li l-imġiba ta' dan tal-aħħar kellha mix-xeħta ta' tpattija skużabbli. Jgħid li matul is-smigħ tal-kawża xehdu diversi persuni, fosthom Patrick Barbara u Alan Zammit, li kkonfermaw li l-

appellant kien aggressiv fil-konfront tal-appellat, tant li kien sejjer jibqa' jagħtih anke wara li fajjarlu d-daqqa ta' ponn. Skont l-appellat dawn l-individwi xehdu li wara li seħħ l-inċident, il-logħba futbol intemmet ħesrem u l-appellant spiċċa biex tkeċċa mill-grawnd.

15. L-attur appellat jisħaq li fl-istqarrija li ġiet mogħtija mill-appellant Richard Attard lill-pulizija, dan kien ammetta li "tħawwad u xejjirhielu". Skont l-attur, il-konvenut ikkonferma dan waqt il-kontroeżami tiegħu meta huwa xehed li l-attur kien tiliflu moħħu. Għalhekk, fil-fehma tal-attur l-inċident ma seħħx għax il-konvenut tilef il-bilanċ iżda sewwasew għax dan tilef moħħu u xejjirlu daqqa ta' ponn. Huwa jiċħad li l-Ewwel Qorti b'xi mod naqset li tgħarbel il-provi kollha. Anzi, huwa jtenni li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha wara li qieset il-provi kollha li kellha quddiemha u fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni fdata lilha, hija għażlet li temmen il-verżjoni tal-attur u tax-xhieda mressqa minnu. B'hekk, fil-fehma tal-attur appellat, ma jeżistux raġunijiet li għandhom iwasslu biex il-konvenut appellant jiġi meħlus minn xi parti mir-responsabbiltà tiegħu għall-inċident.

16. Meqjusa s-sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet din il-Qorti tista' titlaq biex tistħarreġ jekk l-Ewwel Qorti kinitx siewja meta sabet lill-konvenut appellant unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fl-20 ta' Settembru, 2010. Il-liġi (ara l-**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**) titkellem

ċar dwar ir-responsabbiltà ta' għemil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Ikun ħati ta' għemil bħal dan, kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (ara l-**Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili**). Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir li huwa meħtieġ mil-liġi, ukoll jekk dak li għamel ikun mingħajr ħsieb li jagħmel id-deni (ara l-**Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili**). Wieħed irid jagħmel tajjeb għall-ħsara kollha li tiġri minħabba dan in-nuqqas. Dan wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbiltà ċivili mnissla minn għemil doluż jew kolpuż (ara ***Michael D'Amato noe v. Filomena Spiteri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2003).

17. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-ħsara mwettqa waqt ġlieda jew ħbit, hekk kif inhuwa dan il-każ, mhijiex la ħsara kuntrattwali u lanqas akwiljana, iżda ħsara li titnissel minn għemil kriminuż veru u proprju li għaliha japplikaw il-prinċipji tad-dritt penali (ara ***Francesco Gauci v. Salvatore Gauci*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 1956, ***Alfred Sciberras v. Walter Steel*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Marzu, 2006 u ***Emanuel Camilleri et v. Raymond Camilleri*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju, 2020).

18. F'dan l-appell, jidher li l-konvenut appellant qiegħed isejjes id-difiża tiegħu għall-inċident li seħħ fl-20 ta' Settembru, 2010 fuq żewġ binarji: (i)

li huwa ma ta ebda daqqa ta' ponn lill-attur appellat iżda l-għemil tiegħu kien wieħed purament aċċidentali minħabba li huwa tilef il-bilanċ b'riżultat ta' daħla goffa li l-attur appellat wettaq fuqu u spiċċa biex laqat lill-appellat; u (ii) li l-appellat ipprovoka u kkontribwixxa għall-inċident minħabba d-daħliet goffi li dan kien għamel fuq il-persuna tal-appellant matul il-logħba futbol;

19. Din il-Qorti ttenni minnufih li l-argumenti kif imressqa mill-konvenut fl-appell tiegħu, ifallu mal-ewwel daqqa t'għajn. L-appellant ma jistax jistkenn wara dawn iż-żewġ difiżi flimkien sabiex huwa jiġi meħlus mir-responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex huwa magħruf li d-difiża tal-aċċident, li hija msejsa fuq l-aspett li ġrajja ma tkunx evitabbli, ma toqgħodx flimkien mad-difiża tal-provokazzjoni (ara ***Norbert Farrugia v. John Farrugia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2003). Tassew, xejn ma jagħmel sens li, fl-ewwel lok, wieħed jgħid li huwa ma jaħtix għall-inċident għaliex skontu dan kien wieħed li ma setax jiġi evitat, iżda mbagħad, fl-istess nifs, huwa jallega li m'għandux iwieġeb għal dak l-inċident minħabba li jkun ġie provokat mill-vittma tal-istess inċident.

20. Sewwasew, l-aċċident huwa r-riżultat ta' elementi li wieħed ma jistax ibassar jew jaħrab, u li wieħed ma jkollu ebda kontroll fuqhom. Tabilħaqq, biex sitwazzjoni partikolari tkun tista' tiġi identifikata bħala każ

fortuwitu jew aċċident, l-event dannuż irid ikun wieħed imprevedibbli u inevitabbli. Biex wieħed jikkonkludi jekk l-event dannuż setax jiġi meqjus bħala wieħed probabbli qabel ma jseħħ, wieħed jeħtieġlu jindaga jekk id-danneġġjant ikunx ġab ruħu bħala ġenitur tajjeb tal-familja. Fin-nuqqas, wieħed ma jkunx jista' jgħid li seħħ aċċident (ara ***Kurunell Hugh Philip Raymond noe v. Negte Manwel Busuttil pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali, 16 ta' Novembru, 1942). Minbarra dan, biex konvenut jipprova b'suċċess id-difiża tal-każ fortuwitu, huwa jrid juri n-nuqqas ta' ħtija min-naħa tiegħu bħala l-kawża tal-ħsara, kemm dik li sseħħ minnufih u kif ukoll dik li tkun tista' sseħħ aktar 'il quddiem (ara ***George Bonnici nomine v. Nicholas Ellul et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 2 ta' Frar, 2005). L-oneru tal-prova dwar kawżali bħal din, jaqa' dejjem fuq dak li jkun qiegħed iqajjem din id-difiża (ara ***Consiglia Fenech v. Angelo Carabott*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-17 ta' Novembru, 1941 u ***Alfred Delia v. Segretarju Permanenti u d-Direttur tat-Toroq et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-19 ta' Mejju, 2004);

21. Mill-banda l-oħra, id-difiża tal-provokazzjoni hija bbażata fuq is-saħna tad-demm u d-dgħajfien tar-raġuni tal-individwu – ħaġa li wieħed jista' jaħrabha u jilqa' għaliha minn qabel b'rieda qawwija u b'karattru sod. Biex konvenut isejjes id-difiża tiegħu f'azzjoni ċivili għad-danni fuq il-provokazzjoni, jew aħjar id-dagħdigħa tal-mument (magħrufa wkoll bħala l-*calor rixae*), irid jintwera li jkun hemm grad xieraq ta' proporzjonalità bejn

l-għemil meqjus provokatorju u l-għemil li jnissel il-ħsara (ara ***Jane Carbonara pro et noe v. Mark Julian Ryan et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2004). Fis-sewwa, jekk ir-reazzjoni ta' min jikkaġuna d-dannu tkun waħda sproporzjonata huwa ma jistax iqajjem id-difiża tal-provokazzjoni biex jinħeles mir-responsabbiltà li jwieġeb għal dak id-dannu (ara ***Matthew Camilleri v. Kriston sive Carson Caruana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2009).

22. Fi ftit kliem, inċident ma jista' qatt ikun aċċident jekk min jikkawżah ikun ġie provokat minn qabel biex iwettqu. Jiġi b'hekk, li dawn iż-żewġ difiżi tal-appellant jikkontradixxu lil xulxin għax difiża waħda awtomatikament teskludi lill-oħra.

23. Billi d-difiżi li ressaq fl-appell tiegħu l-konvenut biex huwa jinħeles mir-responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni, ma joqogħdux flimkien, l-istħarriġ ta' din il-Qorti dwar dan l-ewwel aggravju jista' jieqaf hawn.

24. Madankollu, mingħajr ħafna tidwir mal-lewża, din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-fatt li dawn iż-żewġ difiżi kif mressqa mill-konvenut appellant ma huma siewja xejn. Kuntrarjament għall-istampa li jipprova jpinġi l-appellant, l-inċident inkwistjoni ma seħħx għaliex huwa xejjer idu u laqat lill-appellat bi żball, wara li dan tal-aħħar daħallu bil-goff waqt logħba futbol u tiliflu l-bilanċ. Mod ieħor, il-provi kollha li tressqu

f'din il-kawża, għajr ix-xhieda tal-konvenut appellant, ilkoll jikkonfermaw it-teżi tal-attur.

25. Din il-Qorti fliet ix-xhieda mogħtija mill-appellat Jeffrey Saliba, mill-membru tat-tim tal-appellat, Patrick Barbara, u mill-arbitru tal-logħba, Alan Zammit, u ma rat l-ebda inkonsistenzi jew kontradizzjonijiet bejn dak li huma xehdu fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-appellant u bejn dak li stqarrew matul din il-kawża.

26. Id-dinamika tal-inċident hija waħda x'aktarx ċara f'għajnejn il-Qorti: il-partijiet f'din il-kawża kienu qegħdin jieħdu sehem f'turnew tal-futbol u kienu jagħmlu parti minn timijiet differenti. L-attur kien qiegħed jilgħab bħala difensur ma' tim wieħed filwaqt li l-konvenut kien qiegħed jilgħab bħala attakkant ma' tim ieħor. Il-partijiet kienu x'aktarx impikati ma' xulxin, tant li waqt li l-logħba inkwistjoni, li fiha huma kienu qegħdin jilagħbu kontra xulxin, l-arbitru Alan Zammit kellu jsikkithom kemm-il darba. Huwa evidenti li l-appellant kien frustrat bil-fatt li huwa ma kienx qiegħed jirnexxilu jaqbeż il-ħajt difensiv li kien qiegħed iżomm b'saħħa l-appellat, tant li f'ħin minnhom l-appellant spiċċa biex hedded lill-appellat li jekk dan tal-aħħar ma kienx sejjer iħallih jgħaddi, huwa kien ser jifqagħlu għajnu (ara x-xhieda tal-arbitru Alan Zammit f'paġna 221 tal-atti tal-kawża). Ġara li f'ħin minnhom l-appellat wettaq *foul* fuq l-appellant u fis-saħna tad-demm dan tal-aħħar ħebb għall-appellat u tah daqqa ta' ponn f'għajnu.

Inkurlat kif kien, l-appellant kien sejjer jibqa' jagħti lill-appellat, li kieku huwa ma nżammx minn persuni oħra li kienu preżenti fil-grawnd.

27. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex hija m'għandhiex temmen il-verżjoni mogħtija minn Alan Zammit, li kien qiegħed iservi bħala arbitru waqt il-logħba, u huwa xhud għalkollox indipendenti mill-partijiet.

28. Fuq kollox, il-fatt li l-appellant fajjar daqqa ta' ponn lill-appellat ammettieh l-appellant stess waqt l-istqarrija li huwa ta lill-pulizija fit-22 ta' Settembru, 2010, jiġifieri wara jumejn li seħħ l-inċident inkwistjoni. Għalkemm l-appellant jgħid li din l-istqarrija ma tistax tintuża bħala prova kontra tiegħu għaliex huwa ma kienx ingħata d-dritt li jieħu parir mingħand avukat qabel ma ta din l-istqarrija, dan l-argument għandu mill-fieragħ. Fl-ewwel lok, id-dritt li jsemmi l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jsib applikazzjoni fil-proċeduri kriminali, iżda dan ma jfissirx li dan jista' jitħaddem bl-istess mod fil-proċeduri ċivili (ara f'dan is-sens ***Carmelo Grech v. Direttur Ġenerali (Dwana)*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022).

29. Fit-tieni lok, m'hemm xejn fil-provi li juri li din l-istqarrija b'xi mod ingħatat mingħajr il-kunsens ħieles tal-appellant. Kemm hu hekk, kien l-appellant stess li bil-firma tiegħu fuq din l-istqarrija, ikkonferma li huwa kienet ingħata d-dritt li jibqa' sieket waqt l-interrogazzjoni u kif ukoll li

huwa ma riedx jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu (ara l-istqarrija f'paġna 130 tal-atti tal-kawża).

30. Lil hinn minn dan, ma huwa konvinċenti xejn l-argument magħmul mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu fejn huwa jisħaq li m'għamilx ammissjoni bħal din. Il-kliem preċiż li uża l-appellant fl-istqarrija mogħtija minnu kien *«tħawwadt u xejjirthielu»*. Bil-kontra ta' dak li jistqarr l-appellant fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti, il-kelma *«xejjirthielu»* ma tagħtix l-impressjoni li huwa laqat lill-appellat b'idu bi żball iżda tfisser sewwasew li l-appellant ta xebgħa lill-appellat, liema xebgħa kienet waħda intenzjonata. Tassew, għalkemm l-appellant jipprova joħloq dubju dwar it-tifsira tal-kelma *«xejjirthielu»*, l-użu ta' din il-kelma fil-lingwa Maltija huwa wieħed x'aktarx ċar u inekwivoku. Kemm hu hekk, fid-***Dizzjunarju Malti u teżawru ta' Malti mħaddem***, kif miġbur minn **Mario Serracino-Inglott**, il-kelma 'xejjer' hija mfissra hekk: *«fajjar; ta daqqa; beda jagħti b'idejh/bil-ponn»*.

31. L-ammissjoni tal-appellant li dakinhar tal-inċident qabżiltu ċ-ċinga u spiċċa biex xejjer daqqa ta' ponn lill-appellant hija biżżejjed biex din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-inċident mhux talli ma kienx wieħed aċċidentali, talli dan seħħ bir-rieda sħiħa tal-appellant. Wara kollox, skont l-**Artikolu 693 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, *«Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti*

*kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha».* Hekk ukoll, skont il-liġi tal-proċedura l-ammissjoni hija r-*regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq (ara ***Carmelo Bonnici nomine v. Ronald Farrugia et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 1970 u ***Kimberley Joy Agius v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010).

32. Dwar l-argument tal-appellant li l-appellat ikkontribwixxa għall-inċident li seħħ minħabba li dan tal-aħħar ipprovokah bid-daħliet goffi li wettaq fuqu, jingħad li dan ukoll mhuwiex wieħed siewi. F'dan il-każ, żgur li ma jistax jitqies li l-għemil tal-appellant kien wieħed proporzjonat għall-*fouls* li wettaq fuq persuntu l-appellat. M'hemmx għalfejn jingħad, li min jirċievi gambetta jew daħla goffa waqt logħba futbol huwa mistenni li joqgħod għad-direzzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-arbitru, li għandu s-setgħa li jippenalizza lil min ikun għamel dik il-gambetta. Tassew, żgur mhuwiex imħolli lil xi plejer tal-futbol li jieħu l-liġi b'idejh u jaqbad jagħti u jweġġa' lill-membri tat-tim ta' kontrih, bħal kif għamel l-appellat. Hekk ukoll, lanqas ma hija rilevanti l-kondotta tal-attur appellat matul il-karriera tiegħu tal-futbol. Li hija ta' rilevanza għal dan il-każ hija l-kondotta tal-appellat waqt il-logħba li matulha sar l-inċident. Kif ingħad hawn fuq, minn għarbiel tajjeb tal-provi ma jirriżultax li l-appellat wettaq xi għemil li jista', b'xi tiġbid tal-immaġinazzjoni, jiġġustifika l-aggressjoni li huwa bata fuq persuntu mill-appellant.

33. L-argumenti tal-konvenut ifallu minn kull rokna, u għalhekk, darba li ma hemm l-ebda dubju li l-appellant huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fl-20 ta' Settembru, 2010, dan l-aggravju tiegħu qiegħed jiġi miċħud.

34. It-**<u>tieni aggravju</u>** tal-konvenut appellant huwa dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti waslet għall-ammont ta' danni li ġie likwidat minnha.

35. Dwar id-*damnum emergens*, l-appellant jgħid li l-attur appellat naqas milli juri li huwa ġarrab xi nuqqas tad-dħul li kellu b'riżultat tal-inċident. Huwa jisħaq ukoll: (i) li l-attur kien imissu ressaq bħala xhieda lil dawk li jħaddmuh biex jikkonfermaw li huwa tħallas inqas minn dak li kien jitħallas qabel l-inċident; (ii) li l-attur ma rnexxilux jipprova r-rabta ta' bejn il-mediċini li xtara u l-inċident inkwistjoni, fosthom għaliex l-irċevuti li ppreżenta ma jurux dak li nxtara; (iii) li l-attur baqa' jaħdem ma' GO plc anke wara li seħħ l-inċident; (iv) li fir-rigward tal-impjieg tiegħu mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, huwa dam biss ġimgħa ma jirrapporta għax-xogħol; u (v) li dwar ix-xogħol ta' tħarriġ tal-futbol li kien jagħmel l-attur, mid-dokumenti maħruġa mill-klabb tal-futbol, li skont l-appellant ma ġewx ikkonfermati mill-awtur tagħhom, jirriżulta li d-dħul tal-attur għax-xahar ta' Settembru tas-sena 2010 ma naqasx b'kawża tal-inċident iżda għaliex f'dak ix-xahar ma nżammux sessjonijiet ta' taħriġ.

36. L-appellant jilmenta wkoll mill-ammont ta' *lucrum cessans* li l-Ewwel Qorti llikwidat u ordnat li jiġi mħallas lill-attur appellat. Huwa jisħaq li mill-provi ma jirriżultax li l-inċident inkwistjoni xekkel b'xi mod il-ħila tal-appellat li jwettaq ix-xogħol u l-impjieg tiegħu. Kemm hu hekk, huwa jgħid li l-appellat baqa' jagħmel l-istess xogħol li kien iwettaq qabel l-inċident.

37. Minbarra dan, huwa jtenni li l-professjonisti mediċi li eżaminaw lill-appellat ma għamlu ebda eżami oġġettiv fuqu sabiex jiddeterminaw jekk l-attur tassew kellux viżjoni doppja, hekk kif huwa qiegħed jallega. Isostni li l-konklużjonijiet tagħhom huma suġġettivi u jiddependu fuq dak li qalilhom l-appellat. Huwa jisħaq li meta l-konklużjonijiet tal-professjonisti mediċi jkunu msawra fuq dak li jkun qalilhom il-pazjent, dawn għandhom jiġu meqjusa b'kawtela kbira. Iżid jgħid li l-provi li tressqu fl-atti jimmilitaw kontra t-teżi tal-appellat li huwa jbati minn viżjoni doppja għaliex huwa għadu jilgħab il-futbol mingħajr ebda xkiel. Jagħmel ukoll referenza għall-*American Medical Association's Guides to the Evaluation of Permanent Impairment* u jgħid li l-viżjoni doppja li l-appellat jallega li għandu mhijiex waħda sinjifikanti. Minbarra dan, l-appellant jgħid li l-isfreġju li l-appellat ġarrab f'wiċċu ma sarx b'riżultat tal-inċident iżda kien il-frott tal-intervent li twettaq mit-tobba fuq l-attur.

38. L-appellant jilmenta wkoll li l-appellat dam kważi ħames snin biex

iressaq il-provi tiegħu u jisħaq li għal dan id-dewmien m'għandux ibati hu. Jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet ħażin meta rabtet it-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* mar-rati ta' mgħax li joffru l-banek kummerċjali. Jisħaq li r-raġuni wara t-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* hija li wieħed ikun qiegħed jirċievi somma flus f'daqqa u mhux matul il-mixi tal-ħajja tax-xogħol tiegħu. Għalhekk huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tagħmel tnaqqis mis-somma likwidata minnha minħabba l-*lump sum payment*.

39. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-attur appellat iwarrab dak kollu li qiegħed jiġi allegat mill-appellant f'dan l-aggravju u jisħaq li l-ammonti ta' danni kif likwidati mill-Ewwel Qorti ġew maħduma b'manjiera tajba u huma dovuti lilu.

40. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li skont l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-ħsara li persuna responsabbli trid twieġeb għaliha tikkonsisti: (i) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil dannuż; (ii) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (iii) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (iii) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità dejjiema kawżata minn dak l-għemil (ara ***Leserlie Caruana v. Brian Cauchi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008). Dawn l-irjus ta' danni differenti ġeneralment huma magħrufa fil-ġurisprudenza bħala

*damnum emergens* (ħsara diretta) u *lucrum cessans* (telf ta' qligħ).

41. Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 2015, *damnum emergens* huwa dak li l-vittma ħareġ, qiegħed joħroġ, jew għad ikollu joħroġ mill-patrimonju tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħsara, waqt li *lucrum cessans* huwa l-qligħ jew dħul li, fl-imgħoddi, issa jew 'il quddiem, intilef jew sejjer jintilef u għalhekk ma jidħolx fil-patrimonju tal-vittma minħabba fl-inċident.

42. Ifisser għalhekk, li l-jedd tad-danneġġjant li jitlob li jiġi kkumpensat għat-telf ta' salarju minħabba li ma jkunx seta' jidħol għax-xogħol minħabba l-inċident jew għat-tnaqqis fis-salarju li ġarrab minħabba l-inċident, jaqa' fil-kategorija tal-*lucrum cessans* u mhux tad-*damnum emergens*, hekk kif klassifikawh kemm l-Ewwel Qorti u kif ukoll il-konvenut Richard Attard fl-appell tiegħu (ara ***Marco Joseph Bugeja v. George Fava et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2022).

43. Issa l-uniku argument li tressaq mill-appellant dwar id-*damnum emergens* (ħsara diretta) li ġarrab l-attur appellat huwa li l-irċevuti mressqa minnu fl-istadju tal-provi ma jurux ir-rabta ta' bejn il-mediċini mixtrija minnu u l-inċident li seħħ fl-20 ta' Settembru, 2010. Din il-Qorti tqis li dan l-ilment mhuwiex wieħed siewi. Tabilħaqq, ħarsa lejn l-irċevuti

misjuba f'paġni 46 sa 50 tal-atti tal-kawża turik li l-attur appellat tassew nefaq is-somma ta' €85.52 fi spejjeż relatati ma' mediċini li nxtraw wara l-inċident u ma' vista li saret fuq l-appellat minn tabib. Dawn il-mediċini kienu jinkludu pilloli għall-uġigħ, anti-bijotiċi, ingwent għall-ġilda u qtar għall-għajnejn, u għalhekk m'għandux għax ikun hemm dubju li dawn ilkoll kienu marbuta mal-ferita li l-appellat ġarrab f'għajnu l-leminija. B'hekk dan l-ilment qiegħed jiġi miċħud.

44. Kif rajna aktar 'il fuq, it-telf ta' paga li ġarrab l-attur minħabba li huwa ma setax jidħol għax-xogħol b'kawża tal-inċident inkwistjoni jaqa' taħt ir-ras ta' danni magħrufa bħala *lucrum cessans*.

45. Dwar l-ilmenti kif imressqa mill-appellant fir-rigward ta' dan it-telf ta' paga, jibda biex jingħad li l-Ewwel Qorti ma llikwidat l-ebda kumpens għal xi telf ta' qligħ attwali li seta' ġarrab l-appellat minħabba li ma marx għax-xogħol, li kellu ma' Go plc u mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni sakemm huwa kien qiegħed jirkupra mill-inċident. Għalhekk, l-ilmenti tal-appellant f'dan ir-rigward ma jinftehmux u saru għalxejn.

46. Dwar id-dħul li tilef l-appellat mix-xogħol tiegħu ta' tħarriġ tal-futbol fl-iskola tal-futbol ta' Ħal-Safi, din il-Qorti tqis li kien il-kap ta' din l-iskola stess, Omar Schembri, li ħejja prospett dwar dak li tħallas lill-appellat matul is-sena 2010 u kkonferma dan il-prospett bil-ġurament tiegħu (ara

l-prospett maħluf f’paġna 106 tal-atti tal-kawża). Jgħid ħażin għalhekk l-appellant li dan il-prospett ma ġiex ikkonfermat minn min ħejjieh. L-istess Omar Schembri xehed ukoll li l-appellat kien jitħallas skont kemm kien jattendi sessjonijiet ta’ taħriġ u li dan tilef ħafna minn dawn is-sessjonijiet matul ix-xhur ta’ Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena 2010 minħabba l-inċident inkwistjoni. Għalhekk, din ix-xhieda xxejjen l-allegazzjoni tal-appellant li matul ix-xahar ta’ Settembru ma sarux sessjonijiet ta’ taħriġ.

47. Issa ħarsa lejn l-imsemmi prospett turik li matul ix-xahar ta’ Settembru 2010, l-appellat tassew irċieva ferm inqas dħul minn kemm kien qiegħed jirċievi fix-xhur ta’ qabel minn dan ix-xogħol ta’ tħarriġ, filwaqt li matul ix-xhur ta’ Ottubru u Novembru 2010, huwa ma daħħal l-ebda paga minn dan ix-xogħol. Minn kif xehed Omar Schembri, huwa evidenti ferm li l-appellat ma rrappurtax għal dan ix-xogħol minħabba l-ġerħa li huwa ġarrab f’għajnu l-leminija b’kawża tal-inċident. Għalhekk, l-Ewwel Qorti kienet siewja meta kkonsidrat x’kienet il-medja tal-paga li kien qiegħed idaħħal l-appellat ta’ kull xahar minn dan ix-xogħol u llikwidat is-somma ta’ €345 f’danni għat-telf ta’ dħul tiegħu matul ix-xhur ta’ Settembru, Ottubru u Novembru, 2010.

48. Magħluqa din il-kwistjoni, il-Qorti tqis li d-danneġġjant jista’ jfittex ukoll għall-kumpens minħabba telf ta’ opportunitajiet futuri minħabba d-

diżabbiltà permanenti li tkun inħolqot bl-inċident (ara ***Joseph Farrugia v. John Degiorgio et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).

49. Kontra dak li jisħaq Richard Attard fir-rikors tal-appell tiegħu, il-fatt li persuna tibqa' impjegata wara l-inċident u saħansitra tibda tirċievi salarju akbar ma jtellifhiex mill-jedd li xorta titlob għat-telf ta' qligħ minħabba d-diżabbiltà permanenti li tkun ġarrbet. Il-ġurisprudenza tagħna xxaqleb lejn il-fehma illi d-diżabbiltà permanenti timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol alternattiv u dan in-nuqqas ta' għażla huwa ta' żvantaġġ u wisq probabbli joħloq nuqqas ta' opportunitajiet ta' qligħ aħjar f'xogħol addattat għal min m'għandux dik id-diżabbiltà (ara ***Conrad Montebello v. Neil Cilia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022 u ***Veronica Muscat v. Eric Sciberras Balbi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 2022). Tassew id-diżabbiltà permanenti timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal tagħha għax-xogħol, mhux biss mal-prinċipal tax-xogħol preżenti tagħha, iżda wkoll f'impjieg ma' terzi u kif ukoll anke biex taħdem għal rasha (ara ***George Gatt v. Francis E. Carbone nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 1998).

50. Ladarba l-attur appellat ma jistax jerġa' jakkwista dak li tilef b'konsegwenza tal-inċident li għalih il-konvenut appellant huwa unikament responsabbli, isegwi li sabiex jintlaħaq il-bilanċ meħtieġ, it-tiswija għall-ħsara li ġarrab ma tistax tkun ħlief dik li jiġi kkumpensat għat-

telf ta' qligħ potenzjali mitlub minnu, u dan fuq il-medda ta' snin tal-ħajja tax-xogħol tiegħu.

51. Għalhekk qiegħed jiġi miċħud l-argument li ressaq il-konvenut fir-rikors tal-appell tiegħu fejn huwa jisħaq li l-attur appellat ma setax ifittxu għad-danni minħabba li skontu dan tal-aħħar ma huwa sejjer iġarrab l-ebda telf ta' qligħ fil-futur għaliex dan fl-ebda waqt ma ġie mxekkel fil-kapaċità tiegħu li jwettaq ix-xogħol u l-impjieg li kien iwettaq qabel.

52. Ngħaddu issa għall-ilment tal-konvenut appellant fejn huwa jsostni li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq il-fehma tal-professjonisti mediċi, fosthom dik tal-perit ġudizzjarju maħtur minnha, sabiex hija tiddetermina l-grad ta' diżabbiltà li ġarrab l-appellat.

53. Huwa minnu dak li jgħid l-appellant, li bil-liġi skont l-**Artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti mhijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti ġudizzjarji kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. Madankollu, ladarba l-fehmiet tal-esperti tekniċi huma meqjusa bħala aċċertament ta' fatti, allura biex il-Qorti tkun tista' titbiegħed minnhom, jeħtieġ illi jkun hemm raġunijiet serji u validi biżżejjed (ara ***Paul Lungaro v. Salvino Lungaro*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2021 u ***Carmel sive Charles Gatt et v. Joseph Stagno*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2021).

54. Tassew, Qorti ma tistax tkun tant prużuntuża illi tmur kontra l-opinjoni teknika tal-esperti tagħha, meta tali opinjoni ma tkunx ġiet raġonevolment megħluba bi provi oħra konvinċenti (ara ***Benjamin Camilleri noe v. Charles Debattista et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001). Dan għaliex, f'qasam tekniku jew speċjalizzat, l-Imħallef ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għall-fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam (ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Geswalda Caruana v. Francis Xerri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2014).

55. L-importanza tal-perizja teknika tassumi aktar rilevanza f'każ bħal dan, meta wieħed iqis li fir-rikors maħluf tiegħu l-attur appellat ressaq talbiet speċifiċi sabiex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddikjara li huwa qed ibati minn diżabbiltà permanenti minħabba l-inċident li seħħ u li għalhekk huwa jistħoqqlu li jiġu kkumpensat. Bil-mod ta' kif inhuma mfassla dawn it-talbiet, huwa ċar li l-attur appellat qiegħed idur fuq l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li jagħti jedd lil kull min ġarrab danni, sabiex ifittex għat-telf ta' qligħ li huwa sejjer ibati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali. Mingħajr prova tad-diżabbiltà permanenti, wieħed ma jistax jitlob li jitħallas għal dawn it-tip ta' danni (ara ***Alfred Axisa v. Roger Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019).

56. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, Imħallef bla taħriġ u speċjalizzazzjoni fil-qasam mediku, ma jistax mingħajr ma jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-fehmiet tal-esperti mediċi, jiddeċiedi jekk persuna tbatix minn inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali skont l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**. B’aktar qawwa, Imħallef li jkollu fl-atti tal-kawża rapporti ta’ esperti mediċi maħtura mill-Qorti stess, ma jistax ma jagħtix kashom, sakemm ma jurix li hemm raġuni valida għaliex m’għandux joqgħod fuqhom (ara ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta’ Ġunju, 2022).

57. Tassew, biex Qorti twarrab il-konklużjonijiet tal-perit tekniku maħtur minnha, il-konvinzjoni kuntrarja tagħha trid tkun waħda nfurmata sew u trid tkun ukoll imsejsa fuq raġunijiet li jpoġġu f’dubju serju l-opinjoni teknika li tkun ġiet imressqa quddiemha minn dak l-espert. F’dan il-każ, għalkemm waqt il-proċeduri kriminali li tressqu kontra l-konvenut appellant, dan għamel xi mistoqsijiet lill-perit tekniku Dennis Mallia dwar ir-rapport imħejji minnu, huwa ma ressaq l-ebda talba biex jinħatru periti addizzjonali.

58. Huwa magħruf fil-ġurisprudenza li min ma jaqbilx ma’ rapport ta’ espert imqabbad mill-qorti għandu r-rimedju li jitlob il-ħatra ta’ esperti ġudizzjarji addizzjonali. Min ma jagħmilx użu minn dan il-mezz legali

sabiex iwaqqa' r-rapport tal-esperti tal-qorti ma jistax jiġi wara u jippretendi li l-qorti għandha twarrab dak ir-rapport għar-raġuni biss li parti ma tkunx qiegħda taqbel miegħu. Dan jgħodd aktar u aktar fejn dak ir-rapport ikun wieħed ta' natura teknika (ara ***Felix Mifsud et v. Tonio Cuschieri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2019; ***Carmel sive Charles Gatt et v. Joseph Stagno*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2021 u ***David Brincat v. Francis Sammut et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 2022).

59. Il-qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida għaliex hija għandha twarrab il-perizja teknika. Min-naħa tiegħu l-appellant ma jidhirx li b'xi mod irnexxielu jattakka b'konsistenza l-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert ġudizzjarju. Anzi, il-Qorti jidhrilha li fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet li l-appellant għamel lill-Perit Dennis Mallia fit-12 ta' April, 2016 (ara paġni 229 sa 238 tal-atti tal-kawża), dan tal-aħħar kompla jsaħħaħ il-fehmiet tiegħu u xejjen għalkollox l-allegazzjonijiet mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu.

60. Kemm hu hekk, f'din ix-xhieda tiegħu, l-espert ġudizzjaru kkonferma: (i) li l-attur appellat ibati minn viżjoni doppja u li din il-kundizzjoni tiegħu mhijiex mistennija li tmur 'il quddiem fil-futur; (ii) li din il-kundizzjoni tal-viżjoni doppja ġiet imkejla minnu u li l-konklużjoni tiegħu fir-rigward ma ġietx imsejsa fuq dak li ntqal lilu mill-attur appellat; (iii) li l-

persentaġġ ta' diżabbiltà ta' 15% li għandu l-appellat hija bbażata kemm fuq il-kundizzjoni tal-viżjoni doppja li għandu l-appellat u kif ukoll fuq l-isfreġju li għandu f'wiċċu minħabba l-operazzjoni li kellha ssirlu f'għajnu wara l-inċident; u (iv) li l-fatt li llum il-ġurnata l-appellat għadu jaħdem ta' għalliem u jilgħab il-futbol ma jfissirx li huwa m'għadx għadu jsib diffikultà biex jara.

61. Għalhekk, l-allegazzjonijiet magħmula mill-appellant biex huwa jipprova jwaqqa' r-rapport tal-perit tekniku kollha jisfaw fix-xejn. Minbarra dan, jgħid ħażin l-appellant li l-isfreġju f'wiċċ l-appellant ma seħħx b'kawża tal-inċident iżda minħabba l-intervent li sarlu f'għajnu. Tassew, li kieku l-appellant ma tax daqqa ta' ponn lill-appellat u weġġgħu serjament, dan tal-aħħar ma kienx ikollu bżonn l-operazzjoni li ħallietu b'taħsira fid-dehra ta' wiċċu.

62. Meqjus dan kollu, din il-Qorti temmen bi sħiħ li ma kienx hemm raġuni tajba għalfejn id-danni dwar id-diżabbiltà permanenti ma kellhomx jinħadmu fuq il-bażi tal-*multiplier* kif stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, wara li jittieħed kont tal-grad ta' diżabbiltà permanenti ċertifikata mill-espert ġudizzjarju.

63. Jibqa' biss li jiġi mistħarreġ l-ilment tal-appellant fejn huwa jisħaq li s-somma ta' danni kif likwidata mill-Ewwel Qorti għandha tkun soġġetta

għar-regola tal-*lump sum reduction* fl-ammont ta' 20%. Dan it-tnaqqis isir għaliex l-attur appellat ikun qiegħed jieħu bil-quddiem il-qligħ li, li kieku ma kienx għall-inċident, kien jieħdu fil-ġejjieni (ara ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 2015).

64. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum biex tiġi deċiża (ara ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Camille Borg Canalis v. Joseph Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u ***Emanuel Galea v. Pierre Scicluna*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007).

65. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1

ta' Diċembru, 2021, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005 u ***Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).

66. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara ***Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Angelo Xuereb nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2009 u ***Lawrence Caruana v. Anthony Falzon*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).

67. Meta l-Qorti tqis li din is-sentenza finali qiegħda tingħata ħdax-il sena wara li nbdew dawn il-proċeduri, din il-Qorti ma tara li għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis mis-somma likwidata mill-Ewwel Qorti. Għalkemm l-appellant jgħid li huwa m'għandux ibati l-konsegwenzi għall-fatt li l-attur appellat dam kważi ħames snin biex jagħlaq il-provi, dan l-argument tiegħu mhuwiex wieħed siewi. Fl-ewwel lok, l-attur appellat ma damx kważi ħames snin biex jagħlaq il-provi tiegħu iżda dam biss tliet snin u

nofs. Minn qari tal-atti proċesswali jirriżulta wkoll li l-attur appellat sab diffikultà biex iħarrek b'suċċess lill-esperti mediċi li eżaminawh bil-għan li dawn jixhdu matul il-proċeduri. Biss biss, inħlew erba' seduti għaliex l-esperti mediċi rrifjutaw li tingħatalhom it-taħrika jew għax ma dehrux għas-seduta. Minbarra dan, ingħataw ukoll numru ta' differimenti għaliex il-fajl mediku dwar l-attur li suppost huwa miżmum fl-isptar Mater Dei baqa' ma nstabx. Għal dan kollu, l-attur appellat ma jaħti xejn.

68. Terġa' u tgħid, min-naħa tiegħu, il-konvenut appellant mhux dejjem għamel użu tajjeb mis-seduti ffissati għat-tressiq tal-provi tiegħu. Tassew, fis-seduti tal-25 ta' Mejju, 2016 u tat-30 ta' Ġunju, 2016 kien l-avukat tal-konvenut stess li talab differiment sabiex huwa jikseb kopji ta' xhieda li ngħataw waqt il-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-appellant. Hekk ukoll, wara li ngħalqu l-provi l-avukat tal-konvenut talab darbtejn biex jiġi mtawwal iż-żmien mogħti lilu biex il-konvenut iressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu. Għal dan id-dewmien żgur ma jaħtix l-attur appellat.

69. Fuq kollox, għalkemm din il-Qorti ma tarax li għandu jkun hemm xi tnaqqis mis-somma likwidata mill-Ewwel Qorti, minn qari tajjeb tas-sentenza tagħha għandu jirriżulta li l-Ewwel Qorti fil-fatt naqqset l-ammont ta' €4,364.54 mis-somma orġinali ta' €99,364.54 li ġiet likwidata minnha f'telf ta' qligħ futur. Dan it-tnaqqis jammonta għal ftit aktar minn 4% tas-somma oriġinali li ġiet likwidata. Jiġi b'hekk, li l-appellant ma jistax

jgħid li ma sar ebda tnaqqis minħabba l-*lump sum payment*.

70. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, it-tieni aggravju tal-konvenut appellant qiegħed jiġi miċħud ukoll.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta' Richard Attard. L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad u kif ukoll dawk marbuta mal-appell, għandhom jitħallsu kollha minn Richard Attard.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm